Maltese Literature Group Inc.
Grupp Letteratura Maltija Ink.
Incorporation No. A8686H
*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*
**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

# FOLJU T'AĦBARIJIET
# Numru 271 :: DIĊEMBRU, 2018

**Editur: Paul Vella**
paul.vella44@gmail.com

## Ktieb Ġdid dwar Mabel Strickland




Id-dar tal-pubblikazzjonijiet Horizons qed tniedi l-volum Mabel Strickland Bejn Storja u Miti Ġabra ta' Kitbiet, editjat minn Sergio Grech. Dan il-ktieb jagħmel parti minn sensiela ta' suċċess li sa issa analizzat lil Duminku Mintoff, Eddie Fenech Adami, Herbert Ganado, Monsinjur Victor Grech u Patri Hilary Tagliaferro.

Ilu jinħass il-bżonn ta' pubblikazzjoni awtorevoli u akkademika dwar Mabel Strickland li mal-Maltin baqgħet magħrufa bħala Mabel. Mabel, bint il-Prim Ministru Lord Strickland, kienet il-fus biex il-gazzetti tat-Times f'Malta ħadu post ewlieni fil-qasam tal-ġurnaliżmu. Biex taqgħad il-bijografija li kienet inkitbet minn Joan Alexander ta' Mabel, kienet wisq romantika u terġa' u tgħid, il-kopji tagħha kienu ngabru mis-suq wara li l-Perit Mintoff kien fittex lill-pubblikaturi minħabba li kien hemm xi ineżattezzi serji dwaru.

Għal xi żmien Mabel kienet attiva politikament u f'dan il-ktieb din il-parti minn ħajjitha tingħata ħafna attenzjoni. Kienet Imperjalista mill-kbar u ma setetx tifhem kif Malta setgħet tgħix mingħajr il-Kolonjalista Ingliż. Opponiet l-Indipendenza ta' Malta kif ukoll il-politika tal-Perit Mintoff.  Kienet kważi d-dell tiegħu fl-Oppożizzjoni u sa saret intima ma' Monsinjur Gonzi li darba opponietu biex isir Isqof ta' Malta.

Dan il-ktieb qed iqajjem diversi mistoqsijiet dwar l-irwol tagħha fil-ħajja kolonjali u post-kolonjali ta' Malta. Għall-ewwel darba qed tkun diskussa wkoll oħtha Cecilia de Trafford li għal xi żmien kienet qrib il-Perit Mintoff u allura antagonista għal Mabel. Qed jingħata attenzjoni wkoll għall-irwol tal-mara Maltija fil-politika u l-attiviżmu politiku.

F'din il-ġabra qed jiktbu l-eks editur u awtur Victor Aquilina, l-Eks Kummissarju Ewropew Tonio Borg, Monsinjur Philip Calleja, il-Professur George Cassar, Andre P. De Battista, l-istoriku Max Farrugia, il-ġurnalista Laurence Grech, Sergio Grech, il-Professur Chandrika Kaul mill-Università ta' St. Andrews, il-Professur Godfrey A. Pirotta, il-Professur John Portelli, Dr Simon Mercieca, il-Professur Carmen Sammut flimkien ma' Nadia Abdilla  u Dr Charles Xuereb.

Iktar informazzjoni tista' tinkiseb mingħand il-pubblikatur bl-email info@horizons.com.mt jew billi wieħed iċempel 21441604.

## Il-ktieb 'It's a Beautiful Life' — *ta' Norman E. Grech*

### *Kitba ta' Amanda Busuttil*




F'idejja, ġie ktieb tassew ħelu tal-ħabib tiegħi Norman Grech, ktieb li hu miktub bl-Ingliż li dwaru jitkellem fuq spettru pjuttost wiesa' dwar bosta elementi tal-ħajja.

Il-ktieb għandu natura ta' diskussjoni, cioè l-kittieb jagħżel li jitkellem mal-qarrej billi jurih kif jaħsibha dwar il-ħajja u kemm il-ħajja għandna napprezzawha fi kwalunkwe stat u żmien li ngħixu fih, min-nieqa sakemm nilħqu l-maturità.

Il-ktieb joffri suġġerimenti tajbin ta' kif wieħed għandu japprezza l-ħajja b'mod sħiħ. Huwa ktieb ibbażat fuq ħafna tagħlim u esperjenza li assorba l-kittieb u għalhekk joffri firxa vasta ta' kif wieħed għandu jgħix biex fil-ħajja ma jaqtax qalbu.

It-temi huma kruċjali u jkopru r-relazzjonijiet li jkollna f'ħajjitna u jenfasizza l-importanza li hemm ċerti pilastri li f'ħajjitna rridu nħaddnu jekk irridu ngħixu henjin. Għal Grech il-ħajja hija vjaġġ u rridu nitgħallmu minnu kontinwament. Jenfasizza l-importanza tar-rutina, il-prijoritajiet, x'attitudni għandna nħaddnu, il-gratitudni, il-maħfra u l-empatija.

Imbagħad lejn l-aħħar tal-ktieb jippreżentalna kapitli dwar is-sitwazzjoni globali, ir-reliġjonijiet u kif jaffettwawlna ħajjitna u jagħlaq b'konklużjonijiet ta' xeħta meditattiva. Fuq kollox Grech iwassal il-messaġġ kemm il-ħajja hija sabiħa u kemm għandna napprezzawha, f'dinja li llum il-ħajja tilfet ħafna mill-valur tagħha, jew ftit għad fadallu ħin il-bniedem jirrifletti. U din inħalliha f'idejn il-qarrej biex iweġibha: il-bniedem m'għandux ħin japprezza l-ħajja jew ma jridx joħloq il-ħin u jsib mitt skuża biex jibqa' mwaħħal fil-katini tad-dinja mgħaġġla li sirna ngħixu fiha?

Ċertament dan il-ktieb ta' Grech jappella għal min għad għandu r-rieda tajba u jemmen li l-ħajja tagħna hija ġawhra ta' min jgħożżha!

*Il-President u l-Kumitat*
*tal-Grupp Letteratura Maltija*
*tal-Victoria jixtiequ lill-membri kollha u*
*l-familji tagħhom u lill-qarrejja tal-Folju tagħna*
*Milied Hieni u Qaddis u*
*Sena Ġdida*
*mimlija saħħa, risq, barka u sliem!*






*Il-jum it-tajjeb u magħkom bil-qalb insellem lil Ommna Marija Santissima b'din il-poeżija.*

## MARA LIEBSA X-XEMX

Fuq rasha xeddewlha kuruna,
tnax il-kewkba li jsebbħu
s-smewwiet,
ħażżmuha b'xemx tiddi madwarha,
is-sema bi ġmielha stagħniet,
bi tron, taħt riġlejha firxulha
il-qamar qalb ħafna kewkbiet.
L-Omm li welldet lill-Messija
ġiet meħuda f'baħar dija,
kotra anġli ġew ħaduha,
quddiem Alla iwassluha.
Saret festa ġewwa l-ġenna
fejn Ġesù kien qed jistenna
l-aktar ġrajja mistennija,
sabiex jilqgħu lil Marija.
B'liema ħlewwa, b'liema mħabba,
dik li ġieħha qatt ma ttabba'
sfat milqugħa, ġiet mogħnija,
kemm kabbruha lil Marija.
L-Omm ta' Alla, dik l-Omm tagħna,
ġiet maħtura is-Sultana,
bl-akbar glorja ġiet mogħnija,
kif jixraqlek, O Marija.

***Charles Mifsud***

***Jiddispjaċini li meta rċevejt dan ir-ritratt tal-qoxra ta' dan il-ktieb ma' kienx hemm aktar tagħrif fuqu***




**Mhux se jkollna laqgħat f'Diċembru u f'Jannar. Il-laqgħa li tmiss tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria se tkun nhar <u>il-Ġimgħa, 22 ta' Frar,</u> fil-Librerija taċ-Centru Malti ta' Parkville, fis-7.30 pm. Niserperaw li naraw ħafna minnkom u ġibu xi qari magħkom. Nilqgħu ukoll xi membri tal-familja tagħkom jew ħbiebkom.**

**Jekk toqgħod Melbourne u tixtieq issir membru tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria, ċempel lill-P.R.O., Paul Vella fuq 9460-4404. Nixtiequk tkun magħna.**

# Serata f'Ġieħ il-Poeta Nazzjonali Dun Karm Psaila (1871 – 1961)

Il-Kumitat Ċelebrazzjonijiet Nazzjonali u Reġjonali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex f'kollaborazzjoni ma' Sir Michelangelo Refalo Sixth Form li nsibu fil-belt Victoria nhar il-Ġimgħa filgħaxija 12 ta' Ottubru tellgħu Serata Letterarja f'ġieħ il-Poeta Nazzjonali Monsinjur Dun Karm Psaila fis-Sala tal-Ministeru għal Għawdex. Is-sala kienet mimlija nies fosthom staff tal-iskola, ġenituri u studenti flimkien mal-Ministru għal Għawdex Dr Justyne Caruana, l-E.T. Mons. Dr Joe Vella Gauci, is-Sur Anton Tabone ex Speaker tal-Kamra tad-Deputati u mistednin oħra. Fetaħ is-serata n-Nutar Dr Paul G. Pisani li tkellem dwar Dun Karm, u l-esperjenzi ta' missieru l-Poeta Gorg Pisani mal-Poeta Nazzjonali, li flimkien ma' oħrajn tant tħabtu u raw fuq wiċċhom biex il-Malti fi żmienhom seta' jieħu r-ruħ. Dr Vella Gauci wera s-sodisfazzjon tiegħu għal din l-inizjattiva li ħadu l-istudenti u fisser kif mill-ewwel il-Kumitat tiegħu ta l-koperazzjoni kollha tiegħu biex issir din l-attività li tassew fi kliemu ntlaqgħet tajjeb għaliex fejn bosta drabi dik is-sala kienet tkun batuta għall-attivitajiet ta' dik ix-xorta f'dik li hi attendenza, din id-darba kienet mimlija tant li ma kienx hemm fejn taqa' labra. Matul is-serata xi għalliema, kif ukoll uħud mill-istudenti, li dehru imħejjija sewwa mill-għalliema Bernardette Gatt u sħabha, qraw diversi poeżiji interessanti li kiteb Dun Karm fosthom, jekk niftakar sewwa, 1921- Lil ħuti l-Maltin Nhar l-Għoti tal-Kostituzzjoni, Għaliex? Jedd l-ilsien Malti, Il-Għanja tal-Ilsien Malti, Waħdi, Lill-Kanarin Tiegħi, Lill-Bandiera Maltija, Il-Għanja tar-Rebħa. Xi żewġ poeżiji jew tlieta oħra kienu mmużikati minn Marija Mercieca u kantati minn Ruth Portelli akkumpanjata fuq il-pjanu minn Alexia Mercieca, mżewqa ukoll b'xi ftit korjografija li komplew taw kulur lil din il-lejla kommemorattiva.

Kemm il-Ministru għal Għawdex kif ukoll il-Kap tal-iskola Daniel James Cassar tkellmu dwar l-importanza ta' attivitajiet bħal dawn u rringrazzjaw u ferħu lill-parteċipanti kollha u wrew il-ħtieġa li l-Poeta Nazzjonali tagħna jixraqlu li jkun imfakkar kull sena. Il-Ministru fissret kif dal-poeta dejjem ħabb il-Malti u għalkemm għall-ewwel beda jikteb bit-Taljan, mill-ewwel fehem l-importanza tal-Malti u kif dan jista' jgħaqqadna flimkien u kif maż-żmien sar difensur kbir ta' Lsienna u baqa' jikteb u jużah sakemm għalaq għajnejh. Dun Karm ħallielna warajh wirt letterarju kbir u x-xogħlijiet tiegħu baqgħu jiġu moqrija u studjati fl-iskejjel sal-ġurnata tal-lum u se jibqgħu ta' rilevanza anke fil-ġejjieni għax huma miktuba b'sengħa u ħila li mhux lakemm tisboqhom. Is-suġġett magħżul għal-Lejla kien Seddaq il-Għaqda fost il-Maltin u s-Sliem.

***— Kav. Joe M Attard***

# Il-Ħarifa magħna ukoll!

Għadda s-sajf, għaddew il-festi, spiċċa l-ġiri u x-xalar u mill-ġdid il-familja issa terġa' tinġabar bejn l-erba' ħitan tad-dar biex terġa' tibda r-rutina tal-ħajja. It-tfal reġgħu lura lejn il-bankijiet tal-klassi ta' l-iskola. L-Università fetħet ukoll il-bibien tagħha beraħ għal eluf ta' studenti , fosthom ukoll għadd sabiħ ta' żgħażagħ Għawdxin . Wara l-istudenti tat-Tieni Sena (6th Form) issa wkoll dawk ta' l-Ewwel Sena daħlu biex jibdew il-kors tagħhom. Qed nirreferi għall-gżira Għawdxija fejn għandna l-iskola post sekondarja Sir Mikelanġ Refalo (ekwivalenti għal Junior College f'Malta). Minn hawnhekk snin ilu, kienu telqu l-istudenti tas-'Secretarial Course', dawk ta' l-Istitut Tekniku kif ukoll tal-'Pre Vocational Course' biex sabu posthom fil-fergħa tal-MCAST li nsibu fix-Xagħra (parti mill-iskola Primarja Patri Mattew Sultana) kif ukoll fix-Xewkija. Fetaħ ukoll is-Seminarju u bdew ukoll il-lezzjonijiet f'dak Maġġuri. Nifirħu lill-istaff u lill-amministrazzjoni ta' l-iskola Sir M.A. Refalo li ta' kultant iwasslu lil xi żgħażagħ kuraġġużi u intelliġenti li jidħlu s-Seminarju tal-Qalb ta' Gesù fil-Victoria. Nieħu l-okkażjoni biex nawgura mill-qalb lis-Surmast t'hawnhekk li qed jagħmel minn kollox biex din l-iskola tibqa' miexja 'l quddiem. Illum il-ġurnata mhux daqstant faċli li wieħed jagħżel din it-triq (kulħadd sar jibża' mis-sagrifiċċju!) u għalhekk aħna minn dawn il-kolonni nifirħu u nawguraw lil dawn iż-żgħażagħ li jitfgħu kollox wara spallejhom u jagħżlu t-triq tal-Imgħallem li mhux dejjem hi waħda watja u ħafifa, kollha ward u żahar. Minn żmien għal żmien il-mezzi tal-istampa u x-xandir ma joqogħdux lura milli jonfħu d-difetti u n-nuqqasijiet ta' xi wħud mill-kleru li wara kollox huma umani daqs ħaddieħor! Li rridu nżommu f'moħħna hu li individwu jew tnejn ma jagħmlux il-Knisja ta' Kristu u li Kristu ried li l-Knisja tiegħu tkun magħmula mill-bnedmin li jistgħu jaqgħu, jogħtru u jiżbaljaw daqs ħaddieħor. Iżda Kristu wiegħed lill-Knisja tiegħu li Hu jibqa' magħha sat-temma tas-snin, u għalhekk ħbieb, ejjew nibżgħu għas-saċerdot u nirrispettawh, għax mingħajru żgur li l-ħajja umana tkun nieqsa u vojta.

Importanti li nitfgħu ħarsitna ukoll fuq ir-reliġjużi għax hawnhekk in-nuqqas ta' vokazzjonijiet qed jinħass ġmielu u dalwaqt jibda jkollna biss kunventi mgħammra mill-anzjani, u tinsewx x'jgħid il-qawl: 'tieħu u ma troddx, is-swar tħott!' Nieħu gost ngħid li xi żmien ilu kont attendejt għall-professjoni ta' żagħżugħa Għawdxija mill-belt Victoria li ngħaqdet mas-sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Gesù magħrufin fostna bħala "Tal-Istilla" waqt festa ħelwa fil-knisja Bażilika ta' San Gorġ li tmexxiet mill-Isqof Djoċesan. Ninsabu f'Novembru u allura nitolbu lill-erwieħ tal-Purgatorju biex iktar qlub ġenerużi jitħajru jsewgu l-passi tal-Ven. Madre Margerita Debrincat u fundaturi oħra. L-Ewropa li minnha issa aħna nagħmlu parti, għandha dejn kbir lejn il-Kristjaneżmu, iżda ħafna drabi donnha qed tittraskura l-essenzjali!

Intant bdejna billi għidna li dħalna fil-Ħarifa, u l-kliem bħaċ-ċirasa, u spiċċajna nitkellmu fuq elf ħaġa. Iżda kollox jagħmel il-ħajja u naħseb li kull ma ktibna kollu hu veru u attwali. Mela ħa nkomplu ftit ieħor.

Mad-dħul tal-Ħarifa t-temp ukoll jinbidel u xi taqliba fl-arja tistenniha ukoll u rrid naf hawnx xi ħadd li ma tidħollux xi qatra ilma! Importanti li l-pajjiż ikun imħejji sew għal bidla fit-temp biex ma tiġrix ħsara bla bżonn. Illum tiela' ħafna bini u għalhekk naqset il-ħamrija li tixrob kwantitajiet kbar ta' ilma. Irridu naraw li l-widien tagħna jkunu nodfa minn kull tip ta' skart u terrapien biex l-ilma jkun jista' jgħaddi bla xkiel għax mnejn għadda l-ilma, jerġa' jgħaddi u ħadd ma jieħu gost bl-għadajjar u t-tajn ġewwa daru.

L-Oratorju Don Bosco fetaħ is-sala taċ-Ċinema l-Ħadd fil-għaxija b'films għall-familja kollha. Nibdew nassistu wkoll għal xi reċta u l-Management tat-Tejatru Astra qed jerġa' jorganizza l-'Mediterranea' li żgur diġà qrajtu dwarha. Żewġ Opri fil-Victoria jkomplu jimlew dawn ix-shoulder months u matul Novembru anke l-musical Scrooge fuq il-Palk tal-Oratorju Don Bosco fil-belt Victoria, bidu tajjeb għall-Milied li jinsab riesaq ġmielu!

Programmi varji fuq l-istazzjonijiet tat-television ikomplu jattiraw lill-membri tal-familja b'mod speċjali fil-ksieħ u l-maltemp imma importanti naraw dak li jgħodd għalina għax din il-kaxxa żgħira tista' tkun ukoll ta' ħsara. Ma ndaħħlux il-lifgħa f'kommitna iżda nagħrfu nagħżlu għalina u għal uliedna li żgur kulħadd jixteqilhom il-ġid. ***— Kav. Joe M Attard***

# Charles Briffa, “Fl-Arena ta’ Moħħu”

***(Victor Fenech: Esperimenti Stilistiċi u Protesta Soċjali f’Maqdes Ruħu) Horizons Publications, Malta 2018***

Victor Fenech joqgħod iterraq fuq il-fruntiera bejn proża u poeżija biex joffrilna perspettiva oħra fuq ir-relazzjonijiet soċjali li nsibu madwarna. L-istil mentali tiegħu jaħdem bil-ġustapożizzjoni u d-djaloġiżmu. Il-forma għal poeta bħal Fenech hija dak l-element li jsawwar dak li jgħid. Il-forma tmur mal-ħsieb u tilgħab bil-lingwa u l-viżwal. Ħafna mill-għabar kulturali jiddependi fuq l-għażla tal-forma poetika.

Dan il-ktieb, Fl-Arena ta’ Moħħu, juri li Victor Fenech huwa awtur intellettwali. Mimli kultura. Mimli referenzi. Mimli djaloġiżmu. Imma fl-istess ħin huwa mimli soġġettività. Biss, fih il-personali malajr jingħaraf bħala ġenerali; u l-individwu jsir mikrokożmu. U jrid jinqara b’mod produttiv. Għax xogħlijietu jagħmlu sehem minn maqdes ruħu mdawwar b’arena mentali. Fenech jikkaratterizza l-kontemporanjetà. Il-valuri estetiċi tal-moderniżmu jiksbu xejriet siewja fil-kontemporanjetà f’għamla ta’ rewriting.

Il-letteratura ta’ Fenech tidher avvanz lura lejn il-ħajja; il-ħsieb ikun f’saħħtu bil-libertà tal-forma. Il-kitba letterarja tiegħu għandha personalità li tgħożż il-ġmiel u tikkritika l-kontemporanjetà, u ġġagħalna nissuspettaw fil-valuri tal-lum. Mhix biss kritika iebsa tal-kontemporanjetà, imma hija wkoll sfog muġugħ ta’ lment personali kontra l-ħajja li jingħaqad ma’ lmenti personali oħra ta’ poeti kontemporanji.

Il-Professur Charles Briffa jgħallem il-Letteratura Maltija u t-Traduzzjoni fl-Università ta’ Malta, u huwa kritiku letterarju, studjuż tal-Malti u tal-istilistika, traduttur, u xandar. Briffa f’dan il-ktieb jagħti biss tidwiqa ta’ ħajja mimlija attivitajiet kulturali u ħidma ħabrieka u ħarrieka. L-għan tiegħu huwa li juri lil Victor Fenech bħala bniedem ħawtiel f’oqsma differenti u lieżem fis-soċjetà Maltija.

Il-ktieb Fl-Arena ta’ Moħħu jingħaqad ma’ sieħbu ta’ qablu Ħsiebu Jsuqu miktub fuq Oliver Friggieri f’sett ta’ frejms letterarji. It-tnejn ħarġu mill-kompjuter ta’ Briffa.

# Taħlita ta’ Mużika, Storja u Drama fil-Belt Victoria

Ma naqbel xejn li fil-belt Victoria fl-istess ħin u fl-istess lejla jkunu għaddejjin tliet attivitajiet f’daqqa. Hekk ġara nhar il-Ħadd filgħaxija 28 ta’ Ottubru 2018 meta fi Pjazza t-Tokk, illum Misraħ Indipendenza, kienet qed issir it-tifkira tal-220 sena mit-tluq tal-Franċiżi u l-Għoti ta’ Ġieħ Għawdex, fiċ-Ċittadella kien qed jinħadem id-dramm imsejjes fuq ir-rumanz ta’ Gorg Scicluna ‘Il-Qassis li rebaħ’, u fis-Sala ewlenija tal-Ministeru għal Għawdex kienet qed issir serata mużikali bis-sehem ta’ Rebecca Hall fuq il-flawt u Gisele Grima fuq il-pjanu bħala parti mill-festival Music + organizzat mill-Classique Foundation imwaqqfa f’Għawdex minn Mro Joseph Debrincat fis-sena 2000.

Ngħid għalija xtaqt li attendejt għalihom it-tlieta għax it-tlieta kienu jinteressawni imma nistqarr li għad ma għandix id-don tat-trilokazzjoni u allura kelli nikkuntenta ruħi li nitlef tnejn u ngawdi attività waħda biss. Intant nixtieq nifraħ lil Dr Anton Refalo ex Ministru għal Għawdex u lil Paul M Cassar ex librar għal snin twal u ex Segretarju Generali tas-Soċjetà La Stella li ra t-twelid tat-Tejatru Astra, li ingħataw Ġieħ Għawdex waqt serata sabiħa bis-sehem tal-Cordia String Quartet li saret fil-pjazza ewlenija tal-belt tagħna fil-preżenza tal-President ta’ Malta, li poġġiet ukoll kuruna f’riġlejn il-Monument tal-Arċipriet Saverio Cassar li taħt it-tmexxija tiegħu l-Għawdxin kien irnexxielhom ikeċċu lill-Franċiżi wara li dawn okkupaw lil Għawdex għal 141 ġurnata. Biex ifakkar lil dan il-patrijott, ic-Circolo Gozitano jagħti Gieħ Għawdex lill-personalitajiet u organizzazzjonijiet li għamlu ġieħ kbir lil Għawdex jew li taw kontribut ta’ fejda għall-iżvilupp soċjo-ekonomiku u kulturali tal-gżira.

Kif għidt iktar ‘l fuq, fl-istess ħin li kienet għaddejja din iċ-ċerimonja fil-Pjazza Indipendenza, dejjem fl-okkażjoni ta’ Jum Għawdex u fl-okkażjoni tal-220 sena mit-tkeċċija tal-Franċiżi, il-‘Gozo Creative Theatre Club’ bil-kollaborazzjoni tar-Reġjun t’Għawdex taħt il-Patroċinju distint tal-President ta’ Malta, fiċ-Ċittadella kien qed jinħadem id-dramm storiku mir-rumanz ta’ Gorg Scicluna, ‘Il-Qassis li Rebaħ’, drammatizzazzjoni ta’ Joe W Psaila u direzzjoni artistika ta’ George Mizzi. Prosit lill-atturi kollha li ħadu sehem.

Sadanittant dejjem fl-istess lejla u fl-istess ħin, pubbliku numeruż attenda għall-kunċert mużikali mlaqqam ‘Bach and Beyond’ bis-sehem ta’ żewġ solisti bravi li ġa semmejt iktar ‘l fuq. Dawn daqqew bejniethom siltiet minn xogħlijiet magħrufa ta’ kompożituri famużi li kienu jinkludu lil Johann Sebastian Bach, Carl Philipp Emanuel Bach, Enrique Granados, Claude Debussy, Joseph Vella, Georges Bizet u Frederic Chopin. Dan il-kunċert kien qed iġib fit-tmiem, sensiela ta’ kunċerti u attivitajiet mużikali bħala parti mill-Festival Music+. L-aħħar attività se tkun tikkonsisti f’konferenza bil-Malti fiċ-Circolo Gozitano fi Pjazza Savina Victoria l-Gimgħa 9 ta’ Novembru li se tkun titratta l-Futur tal-Opra fil-gżejjer tagħna.

Kelma tal-aħħar - Prosit għal din l-attività kollha fil-Belt Victoria imma ma naqbel xejn li l-affarijiet ma jsirux b’iktar ħsieb u ippjanar biex b’hekk kollox ikun jista’ jitgawda u l-organizzaturi jassiguraw attendenzi tajbin li ma jkunux imxerrda għax il-baħar xħin tqassmu jsir għadajjar, jgħid il-Malti.

***— Kav. Joe M Attard, Victoria Għawdex***

## HAWNHEKK FEJN JIKBRU L-FJURI

Hawnhekk, fejn jikbru l-fjuri
inħobb nimraħ u nħuf,
jew noqgħod kwiet bilqiegħda.
Għax hawn,
iż-żmien bħal donnu jehda
u jieqaf mir-ritmu mgħaġġel tiegħu,
waqt li jien,
li minn qaddisi nħobb il-kwiet
u s-seħer tan-natura
fil-ġmiel ta' kull fjura,
inħossni hieni
li qiegħed ngħix bi kwieti,
fis-seħer ta' dinjieti.

***Charles Mifsud.***



## Tnedija tal-ktieb 365 ta’ Trevor Zahra — Pubblikazzjoni Merlin Library — *Artiklu ta’ Amanda Busuttil*



L-awtur Trevor Zahra għadu kemm ippreżentalna 365 ġabra ta’ rakkonti, novelli, aneddoti u riflessjonijiet għal kull jum tas-sena. It-tnedija ġiet imtellgħa fit-30 ta’ Ottubru 2018 fl-Egmont Hall ġewwa l-Kastell Sant’Anġlu fil-Birgu.
Waqt is-serata, saret introduzzjoni minn Chris Grupetta. Warajh, is-Sinjura Antonella Galea Loffreda qrat ‘Silta mid-Djarju ta’ Maria Dolores, xebba innoċenti ta’ 70 sena’. Ġew murija wkoll filmati artistiċi mill-isbaħ li ħadmu flimkien l-awtur u ibnu Ruben Zahra. Is-Sur Joe Pace qara ‘Skrivanija’ u l-awtur innifsu qara ‘Siġar u Weraq’.
Kull min kien preżenti, seta’ japprezza ferm il-parti tas-serata fejn l-istudjuż tal-Malti Mario Cassar żvolġa permezz ta’ intervista, sett ta’ mistoqsijiet u staqsa lill-awtur dwar id-dizzjunarju tematiku fuq it-temi rikorrenti li Zahra jinseġ fil-ktieb 365. Din il-parti kienet interessanti bil-bosta għaliex kull min hu midħla max-xogħolijiet letterarji ta’ Trevor Zahra, ma jistax ma jinnotahomx.
Fosthom staqsieh dwar ir-raħal għax Zahra għandu mħabba kbira għar-raħal ta għeruqu, iż-Żejtun, allura dan irriflletta ħafna fuq kitbietu. Tema oħra kienet dwar is-sopranaturali u l-fantażmi u Zahra stqarr li din għalih hija esperjenza sublimi; cioè dak li għandu nuqqas ta’ informazzjoni dwaru, imma li l-eżistenza tiegħu tinħass, hija xi ħaġa li ddaħħlu f’misterju u tintrigah jikteb dwarha.
F’waħda mit-temi li kienet tittratta fuq il-kotba li hu ħareġ fil-passat, Zahra jagħmel rimarka valida ħafna għall-ħajja ta’ kittieb: ‘L-awtur mhux leħen jgħajjat fid-deżert, għax kieku jistgħu jisimgħuh xi ftit skorpjuni, imma leħen jgħajjat f’eku’. Naħseb li wieħed għandu ħafna x’jirrifletti fuq din is-sentenza u kull min jikteb, ma għandi ebda dubju li jifhem il-frażi u jgħixha.
Staqsieh ukoll dwar ir-rabta tiegħu mal-knisja u Zahra rrakkonta fuq l-esperjenzi fl-Azzjoni Kattolika f’żogħżitu. Bħala konklużjoni Cassar staqsieh kieku ma sarx awtur Zahra kien ikun pittur? Il-karriera ta’ Zahra kienet dik ta’ għalliem tal-Arti u kull min hu għalliem, stqarr l-awtur, jitgħallem jgħix b’rutina u struttura għax ħajtu tkun iddominata minn skedi, qniepen tal-ħin u x’aktarx l-għalliem, anke meta jirtira minn xogħlu, jibqa’ f’din id-dixxiplina.
Zahra afferma li hu għandu imħabba kbira lejn il-palk u x’aktarx kien ikun attiv f’dan il-qasam. Il-ktieb ġie ddedikat għall-aħwa ta’ Trevor Zahra: Renè, Joyce u Mary Anne u l-udjenza preżenti dakinhar kantat l-awgurju bil-Malti lil Renè, li ċċelebra għeluq sninu!

## *Emails li nirċievu...*

Prosit tassew. Awguri
***Fr Norbert Bonavia, MSSP***

Prosit Paul u l-Kumitat, il-kittieba u dawk il-membri kollha.
***Nancy Serg nee Borg***

Grazzi ħafna
***Adrian Muscat***

Grazzi mill-qalb, għażiż Paul ta’ dan il-flip-book li juri programm, kif ngħidu bil-Malti, mimli daqs bajda f’għeluq id-39 sena tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria. Grazzi talli qed iżżommu ilsienna ħaj f’kontinent hekk vast. B’imħabba:
***Mario Griscti***

Grazzi Paul li qed tghinu biex dak kollu li hu Malti jibqa' fil-wicc. Saħħiet
***Sergio Grech***

Prosit tassew! Flip-book veru sabiħ u interessanti. Grazzi ħafna. Tislijiet,
**Prof. Rena Balzan**

Għażiż Paul, Grazzi minn qalbi tal-“flip-book” li bgħattli. Qiegħed naqrah minn l-ewwel sal-aħħar kelma għax nitgħaxxaq bil-Malti sabiħ u mirqum tal-membri. Inħoss li kienet tassew lejla mużiko-letterarja ta' mħabba lejn l-għeruq tagħna - mhux biex nibqgħu fil-kefen tal-imgħoddi imma biex napprezzaw sewwa dak li jgħaqqadna. Kellu bżonn iż-żgħażagħ tagħna jkollhom il-kilba lejn Ilsienna bħalma sibt fil-kitbiet tagħkom! L-għadd ta' kotba ppubbblikati bil-Malti f'Malta kiber mhux ftit u dan iqawwilna qalbna, ukoll jekk jingħad li l-qari qiegħed jonqos. Imma tajjeb jew ħażin il-kotba jinbiegħu u l-Ilsien jinxtered ġmielu. Malli nkun nista' ngħaddilek kelmtejn dwar ktieb mill-isbaħ li ħareġ ħabib tiegħi Superjur tal-Mużew, Joseph Falzon. Ktieb kollu valuri, tagħlim u nostalġija awtobijografika.
Għalissa tislijiet u ħajr dejjem
***Paul P. Borg***

A fantastic event by all measures. I will try to read some of it but it will require some effort and time. Congratulations to you Clemente and to all who participated.
***Clive Dickinson***

Qari tassew sabiħ. Qrajthom kollha. Iżda l-aktar li huma ta’ sodisfazzjon għalija huwa li l-Malti miktub tajjeb minkejja li dawn in-nies ilhom daqshekk imsefrin.
***Michael Bonnici***

# Ktieb Speċjali mill-pinna ta’ Trevor Żahra



Sempliċement “365” ! Hekk jismu l-ktieb ġdid ta’ Trevor Żahra li Merlin Publishers nedew fit-30 ta’ Ottubru. Dan huwa ktieb ta’ elf paġna, li l-awtur ilu jaħdem fuqu għal dawn l-aħħar tliet snin. Kif jixhed ismu, il-ktieb huwa ġabra ta’ 365 silta ... novelli, rakkonti, aneddoti u riflessjonijiet għal kull jum tas-sena. Fil-fatt il-ktieb jieħu bixra ta’ kalendarju, mill-ewwel ta’ Jannar sal-aħħar ta’ Diċembru. Ħafna mill-kitbiet huma marbutin mal-okkażjoni ta’ dak il-jum partikolari. Hekk, ngħidu aħna, wieħed isib rakkonti dwar l-istaġuni u t-taqlib tat-temp, dwar jum il-maħbubin, jum l-omm u jum il-missier, il-Karnival, dwar il-Ġimgħa l-Kbira u l-Għid il-Kbir, dwar festi oħra importanti bħal Santa Marija u l-Vitorja, kif ukoll il-Milied u tmiem is-sena.

Ma jonqsux ukoll siltiet awtobijografiċi li fihom l-awtur jirreferi għal ġrajjiet minn tfulitu li wkoll jorbothom ma’ okkażjonijiet li għalih għandhom tifsira speċjali. Wieħed jinnota wkoll li ħafna minn dawn il-kitbiet huma minsuġa f’vina umoristika jew satirika. Żahra jsostni li bl-umoriżmu tista’ tasal wisq aktar ’il bogħod milli tasal bi stil ieħor.

Żahra qalilna wkoll li ħafna mill-kitbiet ta’ dan il-ktieb ġdid huma intenzjonalment leġġeri

“L-għan tiegħi huwa li kuljum nagħti lill-qarrej silta qasira li jista’ jaqraha malajr,” qalilna Żahra. “Jiena nemmen b’saħħti kollha fil-ġid li jagħtina l-qari b’mod regolari ... bħal min jiekol ftit u ta’ spiss. Nittama li bis-saħħa ta’ dan il-ktieb ikunu ħafna dawk li jirnexxilhom irawmu fihom din id-drawwa.”

Fil-Festival tal-Ktieb, li sar fis-sala ta’ Dar il-Mediterran bejn is-7 u l-11 ta’ Novembru, il-ktieb 365 kien l-aktar ktieb li nbiegħ mill-istand tal-Merlin Publishers